# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 203/2015/LSO**

**Lorriane Cioffi (KI 482569M) debitament awtorizzata in rapprezentanza ta' Rita Yusuf (KI 0370962(M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b' digriet tad-19 ta' Novembru 2015 gie kjamat in kawza Kostantinos (Erol) Yusuf**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Lorraine Cioffi (KI 482569(M)) debitament awtorizzata in rapprezentanza ta' Rita Yusuf (K.I.0370962M), datat 4 ta' Marzu 2015, fejn permezz tal-prokura mmarkata bhala DOK E datata April 2014 ikkonfermat s-segwenti fatti bil-gurament taghha -

Illi l-esponenti zzewget lil Kostantinos (Erol) Yusuf, ta' nazzjonalita Cipriotta fl-1 ta' Jannar tas-sena 1985 u miz-zwieg taghhom l-esponent hadet kunjom zewgha 'Yusuf'.
Illi minhabba ragunijiet ta' diskrimimazzjoni u sabiex ma jkollu l-ebda inkwiet fil-hajja privata kif ukoll fil-hajja professjonali tieghu (skont l-anness Dok A), fis-sena 1987 ir-ragel tal-esponenti talab il-Qorti ta' Cipru sabiex ibiddel kunjomu u minflok 'Yusuf jibda jkun maghruf bil-kunjom 'Paphiti' liema talba giet milqughha.

Illi l-mittenti ilha mis-sena 1989 maghrufa bil-kunjom Paphiti minflok Yusuf u ilha hekk maghrufa u msejha mill-familjari taghha, qraba, hbieb u konoxxenzi (Skont l-anness DOK B).

Illi hija baqghat hekk maghrufa bil-kunjom Paphiti u sahansitra l-Gvern Ciprijot hargilha l-passport (DOK C) *u* l-licenzja tas-sewqan (DOK D), bil-kunjom Pafitis.

Illi skont l-anness Dok E1 - E4, l-mittenti hija maghrufa bil-kunjom Paphiti sahansitra mill-Ambaxxaturi ta' Malta ghall-Grecja.

Illi r-rikorrenti ghandha interess illi l-Atti kollha tal-hajja civili wara l-Att ta-zwieg jkunu jirriflettu l-isem li hi u l-familja taghha konsistentament juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hija maghrfa minflok l-isem li nghata fuq l-Att taz-Zwieg bhala l-isem li kellha tissejjah.

Illi ghalhekk hija trid illi l-kunjom 'Paphiti' jigi rregistrat fuq l-Att taz-Zwieg taghha minflok il-kunjom 'Yusuf'.

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija konsistentament imsejha u maghrfa bil-kunjom Paphiti u mhux bil-kunjom Yusuf.

2. Tordna li t-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti minn wara l-att taz-zwieg billi l-esponenti tigi maghrufa bhala Rita Paphiti.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, inkluz li tordna li jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex jigi msejjah kull min ghandu

interess jiddikjara jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba u dan *ai termini* ta' Artikolu 254 ta' Kap 16.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Ottubru 2016 (fol 27) fejn Dr Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi in linea preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha Lorriane Cioffi giet debitament awtorizzata *ad litem* in rapprezentanza ta' Rita Yusuf skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi *in vista* tal-fatt illi hemm il-possibilita illi din il-kawza tirrizulta f'emendi fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti, fejn f'liema kaz ikollu jigi modifikat il-kunjom tar-ragel tar-rikorrenti, l-esponenti teccepixxi li huwa indispensabbli ghall-beneficcju ta' l-integrita tal-gudizzju, li jigi kjamat fil-kawza r-ragel tar-rikorrenti u cioe' Kostantinos (Erol) Yusuf *ai termini* tal-Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi ghal kull bon fini, l-esponenti jgib a konjizzjoni tar-rikorrenti, illi n-numru progressiv tal-Att taz-Zwieg gie ddikjarat b'mod inkorrett fir-rikors promotur ipprezentat mir-rikorrenti Lorraine Cioffi. In-numru progressiv m'huwiex fil-dak li hemm indikat erronjement fir-rikors promotur, miktub bhala wiehed tas-sena mija, tmienja u disghin (1/198) izda huwa fil-fatt wiehed tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (1/1985), kif jidher minn l-Att taz-Zwieg hawn anness bhala 'Dok A'. Illi ghaldaqstant, fid-dawl ta dak espost, l-esponenti tistieden lir-rikorrenti sabiex bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** titlob ghal korrezzjoni fin-numru progressiv bil-mod kif fuq inghad;

6. Illi minghajr hsara ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika taht liema artikolu tal-ligi hija qieghda isejjes l-azzjoni taghha halli b'hekk l-esponenti tkun f'qaghda ahjar li tkun tista' twiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghda tirrizerva u zomm shih id-dritt taghha li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-

rikorrenti tindika taht liema disposizzjonijiet tal-ligi hi qiegheda torbot il-proceduri istanti;

7. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax mill-informazzjoni koperta fir-rikors mahluf tar-rikorrenti u mill-Att taz-Zwieg taghha li jgib n-numru progressiv wiehed tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (1/1985) illi kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parti tal-Ufficjal tar-Registru Pubbliku. Illi *stante* il-fatt li ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni, isegwi li l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lill-imsemmi Att taz-Zwieg *ai termini* ta' **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Dan *stante*:

a) Illi d-dettalji tar-ragel fuq l-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti tnizzlu skont ma kienu jirrizultaw minn fuq id-dokumentazzjoni ta' identifikazzjoni li kienet giet ipprezentata fil-punt li kienet saret it-talba ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taz-zwieg. F'dak iz-zmien ir-ragel kien ghadu maghruf bil-kunjom "Yusuf" u kwalsiasi dokumentazzjoni li kien ipprezenta kellu talli kunjom immarkat;

b) Illi kien propju sentejn wara sehh taz-Zwieg in kwistjoni, illi r-rikorrenti qieghda ssostni illi r-ragel taghha talab il-Qorti ta' Cipru biex ibiddel kunjomu sabiex minn "Yusuf" jibda jkun maghruf bil-kunjom "Paphiti". Ir-rikorrenti stqarret fir-rikors in risposta, illi din it-talba kienet giet milqughha,

izda r-rikorrenti ma sottomettiex dan id-digriet rilevanti. Ghalhekk ikun opportun illi r-rikorrenti tisottometti dan id-digriet moghti mill-Qorti ta' Cipru, inkluz it-traduzzjoni tieghu, specjalment peress li 'Dok A' li gie pprezentat mar-rikors in risposta m'huwiex sufficjenti biex jipprova din id-dikjarazzjoni. B'zieda ma' dan peress illi l-kunjom allegatament inbiddel wara z-Zwieg, din il-bidla ma tistax tigi riflessa fl-Att taz-Zwieg in kwistjoni, minhabba illi l-Att taz-Zwieg huwa attwalment dokument storiku bil-funzjoni li jzomm rekordju tat-tali avveniment. Semmai t-talba kellha tkun kostruwita sabiex tali bidla fil-kunjom tigi riflessa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, u mhux fl-Att taz-Zwieg fejn lanqas biss m'hemm l-ebda intestatura jew spazju fejn jindika x'kunjom kellha tuza r-rikorrenti fiz-zwieg;

c) Maghdud ma' dan hemm ukoll il-fatt illi kienet proprju r-rikorrenti stess li kienet id-dikjaranta fuq Att taz-Zwieg li jgib n-numru progressiv wiehed tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (1/1985), fejn permezz tal-firma taghha wriet il-kunsens taghha li l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-imsemmi Att taz-Zwieg innifsu kienet wahda korretta. Illi f'dak iz-zmien li gie rregistrat l-imsemmi Att taz-Zwieg u cioe` is-sena 1985, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta' gabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Ghaldaqstant, l-ufficcjali tar-Registru Pubbliku kienu jistrihu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma il-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titnizzel fl-att in kwistjoni;

8. Illi madanakollu, bla hsara ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi li r-rikorrenti lanqas ma tista' titlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha jigu mibdula b'mod li jinkwadraw ruhhom taht il-parametri msemmija **fl-Artikolu** 253 (2) **tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan *stante* l-fatt illi talli Artikolu 253 (2) specifikament jittratta biss bidla fl-ismijiet u mhux fil-kunjom u barra minn hekk huwa esklussivament limitat ghal bidla fl-Atti tat-Twelid u mhux ghall-ebda Att tal-Istat Civil iehor. B'hekk l-ebda korrezzjoni ma tista' tigi effettwata fl-Att taz-Zwieg imsemmi fir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti skont id-dettami **tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

9. Illi ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba tar-rikorrenti fejn qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *"Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija konsistentament imsejjha u maghrfa bil-kunjom 'Paphiti' u mhux bil-kunjom 'Yusuf"* hija infondata u ma tistax tigi milqugha minhabba ir-ragunijiet premessi fejn dan l-Artikolu 253(2) jittratta biss bidla fl-Atti tat-Twelid f'kaz ta' bdil ta' isem biss;

10. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti wkoll tirrileva li t-tieni talba rigwardanti l-bidla ta' kunjom ir-rikorrenti Rita Yusuf fl-Att taz-Zwieg li jgib n-numru progressiv wiehed tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (1/1985) ma tistax tintlaqa' u dan ghar-raguni illi fl-Att taz-Zwieg *de quo* hemm imnizzel biss kunjom xbubit ir-rikorrenti. Ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-kunjom li r-rikorrenti hadet fiz-zwieg ghaliex

m'hemm l-ebda intestatura jew spazju fejn jindika x'kunjom kellha tuza r-rikorrenti fiz-zwieg. Dan il-ghaliex skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, il-mara kienet tiehu kunjom zewgha;

11. Illi minghajr hsara ghal fuq espost, mid-dokumenti li gew sottomessi mir-rikorrenti fir-rikors in risposta, jirrizultaw dawn id-diskrepanzi;

i) Illi f'Dok A' pprezentat mir-rikorrenti, il-kunjom il-gdid li allegatament assuma ir-ragel tar-rikorrenti, u *ossia* wkoll r-rikorrenti jinsab indikat bhala **"Pafitis"** u mhux **"Paphiti"** kif gie mitlub fit-talbiet tar-rikorrenti;

ii) Illi b'zieda ma' dan, f''Dok B' pprezentat mir-rikorrenti, kunjom ir-ragel tar-rikorrenti huwa indikat bhala **"Paphitis"** u mhux **"Paphiti"** kif gie mitlub fit-talbiet tar-rikorrenti;

iii) Illi addizzjonalment f'Dok C' pprezentat mir-rikorrenti li huwa kopja tal-passaport tar-rikorrenti u f'Dok 'D' pprezentat mir-rikorrenti li huwa kopja tal-licenzja tas-sewqan tar-rikorrenti, kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala **"Paphiti"** u mhux **"Pafitis"** kif gie indikat fir-rikors promotur;

iv) Illi skont l-anness 'Dok El - E4' pprezentati mir-rikorrenti, Rita Yusuf hija maghrfa bil-kunjom **"Paphiti"** mill-Ambaxxaturi ta' Malta ghall-Grecja;

v) Illi anke fuq il-prokura 'Dok F' pprezentat mir-rikorrenti, kunjom ir-ragel tar-rikorrenti jinsab indikat bhala **"<u>Paphiti</u>",** filwaqt li r-rikorrenti ffirmat bhala **"Rita Paphiti";**

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' kunjom tar-rikorrenti Rita Yusuf li minn "Yusuf" jinbidel "Paphiti", fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv wiehed tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (1/1985), salv pero` li hija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti u dan ghaliex kienet r-rikorrenti stess, Rita Yusuf, li ddecidiet li tirrinunzja ghal kollox il-kunjom "Yusuf" u minflok taddatta l-uzu tal-kunjom "Paphiti" u li kienet ghamlet id-dikjarazzjoni fuq Att taz-Zwieg in kwistjoni biex tiffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta fl-Att taz-Zwieg taghhom hija korretta. Illi ghaldaqstant, id-Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

13. Illi bla hsara ghal premess, rigward il-parti tar-rikors promotur fejn ir-rikorrenti wriet ix-xewqa illi talli bidla fil-kunjom jigi rifless ukoll fl-Atti kollha tal-hajja civili taghha, ma tistax tintlaqgha sakemm hi ma tinkludix din ix-xewqa f' forma ta' talba u aparti minn hekk, il-ghaliex skont dan l-Artikolu 253 (3) *"il-bdil effetwat **<u>fl-att tat-twelid</u>** jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili".* Ghaldaqstant talli talba tapplika biss in konnessjoni ma' bdil fuq Atti tat-Twelid. Semmai sabiex din ir-rikjesta tigi milqughha tirkjedi li r-rikorrenti tispecifika n-numru u s-sena tal-Atti tal-Istat Civili li hi

qieghda taghmel riferenza ghalihom *ai termini* **tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

14. Illi inoltre, bla hsara ghas-suespost, fit-talbiet taghha r-rikorrenti ma talbitx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrenti. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Civili a tenur ta' **l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** It-talba kif postulata mir-rikorrenti ma titlob l-ebda obbligu da parti ta' l-esponenti. Isegwi ghalhekk li t-talba f'dan ir-rigward kellha ssir fis-sens li din "*l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti";*

15. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

16. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

***31 ta' Jannar 2017.***

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 19 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Roberta Spiteri ghall-attrici. L-intimat u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Id-difensur tar-rikorrenti ghandha tawtentika Dok 'F' a fol 14 tal-process. Il-Qorti rat ir-raba' (4) eccezzjoni ssollevata mill-intimat id-Direttur u ordnat l-kjamat in kawza tar-ragel ta' Rita Yousef. Dr Spiteri b'referenza ghall-hames (5) eccezzjoni talbet il-korrezzjoni tal-att taz-zwieg fis-sens li n-numru progressiv tal-att kull fejn hu mnizzel ghandu jinqara 1/1985. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fir-rikors promotur u kull fejn kien mehtieg. Dr Spiteri ddikjarat li t-talba odjerna saret *ai termini* tal-Art 253 tal-Kodici Civili. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tar-rikorrenti, ghan-notifika u ghar-risposta tal-kjamat in kawza, u sabiex l-intimat jirregola ruhu fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet u tad-digrieti mghotija f' dan il-verbal ghad-19 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m. Aktar tard dehret Dr Stephanie Borg li hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 4 ta' April a fol 42 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 ta' Ligijiet ta' Malta tordna illi t-tieni talba tar-rikors promotur ghadha tigi korretta minimament fis-sens illi minn flok taqra **'Tordna ghalhekk illi l-kunjom Paphiti jigi rifless fl-Att taz-Zwieg taghha numru 1/1985'** din tigi korretta ghal **'Tordna li tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-**

**hajja civili tar-rikorrenti minn wara l-att taz-zwieg, billi l-esponenti tigi maghrufa bhala Rita Paphiti',** u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata 31 ta' Mejju 2016 a fol 47 tal-process; u

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fis-6 ta' Gunju 2016 (fol 50) fejn il-laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fit-tieni talba attrici li ghandha tinqara minnflok:

**"*Tordna li t-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti minn wara l-att taz-zwieg billi l-esponenti tigi maghrufa bhala Rita Paphiti.*"**

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 29 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Roberta Spiteri ghall-attrici u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dr Roberta Spiteri ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi. Dr Tanti ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi izda zzomm ferm l-eccezzjonijiet issollevati u qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li

taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-22 ta' Gunju 2015 (fol 26) u b'hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Jirrizulta li saret in-notifika lill-Avukat Generali, u gietipprezentata risposta da parti tal-intimat, ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Referibbilment ghad-dokument F esebit a fol 14 sa 16 tal-process, dan gie awtentikat, ghalhekk it-tielet eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-intimat huma wkoll sorvolati, bil-korrezzjonijiet hekk kif ordnati u awtorizzati permezz tad-digret tad-19 ta' Novembru 2015, rigward il-kjamat in kawza, u n-numru progressiv tal-att taz-zwieg. Ghalhekk, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-kunjom registrat fuq ic-certifikat taz-zwieg taghha ma' Kostantinos Yusuf jinbidel minn "Yusuf" ghal "Paphiti" *stante* li sussegwentement ghaz-zwieg taghhom fl-1985, ir-ragel taghha, u cioe` fis-sena 1987, talab lill-Qorti ta' Cipru biex ibiddel kunjomu minn "Yusuf" ghal "Paphiti". Ghaldaqstant, qed tikkontendi li hija saret konsistentment maghrufa u msejha bhala "Paphiti" u mhux "Yusuf".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li hija maghrufa bil-kunjom "Paphiti". Ghal dan il-ghan, gie esebit Dok A (fol 5-6) kopja tal-istqarrija sabiex jinbidel il-kunjom f'Cipru, Dok B (fol 7) kopja ta' dikjarazzjoni mill-Ambaxxata ta' Cipru bil-kunjom mibdul. In sostenn ghat-talba attrici, gew esebiti wkoll dokumenti ohra Dok C (fol 8), kopja tal-passaport, Dok D (fol 9) kopja tal-licenzja tas-sewqan, u Dok E1 sa 4 (fol 10-13) kopja ta' korrispondenza mibghuta lir-rikorrenti mill-Ambaxxata ta' Malta ghall-Grecja, fejn dejjem hemm ir-referenza ghall-kunjom "Paphiti".

Referibbilment ghad-diskrepanza fil-kunjom "Paphiti" li drabi jinsab imnizzel bl-"s" jew minghajr "s", ir-rikorrenti esebiet nota ta' Lorraine Cioffi, debitament awtorizzata in rapprezentanza ta' Rita Yusuf, li tispjega li din iz-zieda fl-"s" fil-kunjom tkun f'kaz tal-kunjom maskili u mhux femminili. (fol 53). *Di piu`,* giet esebita wkoll konferma dwar din iz-zieda tal-"s" fil-kunjom li ssir biss fil-kunjom maskili (fol 54).

Illi wara li l-Qorti ezaminat l-atti u d-dokumenti esebiti, hi sodisfatta li l-kunjom tal-konjugi Rita u Kostantinos Yusuf gie fil-fatt korrett mill-awtoritajiet Ciprijotti, billi wara z-zwieg tieghu, fis-sena 1987 zewgha Kostantinos applika mal-awtoritajiet Ciprijotti biex jinbidel il-kunjom "Yusuf" ghal "Paphiti". Dan jirrizulta mid-dokumenti Dok A u Dok B sucitati.

Ikkonsidrat li t-talba hawn proposta mill-attrici *nomine* ma titrattax minn talba ghal sanatorja ghax kunjom zewgha gie indikat zbaljatament fl-att taz-zwieg izda hija talba ghar-

rikonoxximent ta' tibdil li gie effettwat legalment f'Cipru fejn jghixu abitwalment hi u zewgha.

Illi din il-Qorti gja kellha okkazzjoni tikkonsidra l-effetti ta' tali tibdil fis-sistema guridika taghna fil-kuntest ta' tibdiliet permezz ta' *deed poll*. (ara ad ez. **L-Avukat Dr Ramona Azzopardi noe vs Direttur tar-Registru** Pubbliku 389-2016 LSO - 10 ta' Novembru 2016) fejn ikkwotat b'approvazzjoni is-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (On. Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011). Il-Qorti ta' l-Appell irribadiet li :

*"illi ghal dak illi jirrigwarda d-"deed poll", ghalkemm din mhijiex debitament awtentika il-Qorti tara illi gie ppruvat illi l-Awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-"deed poll" u hargu l-passaport tal-attur b'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur.. bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

Il-Qorti ikkonkludiet li:

*"Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom 'Mallia', kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta' registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur."*

F'dak il-kaz il-Qorti talbet provi rigoruzi konsistenti fil-kopja ufficjali tal-*deed poll* u qieset li l-fatt li "l-*awtoritajiet Inglizi*

*hargu l-passaport fuq l-attur bil-kunjom Mallia ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan."* (Ara wkoll f'dan is-sens **Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino v Direttur Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti kif hekk presjeduta fis-16 ta' Lulju 2015).

Ikkonsidrat li r-rikorrenti esebiet parir minn Avukat residenti f'Piraeus, il-Grecja fejn afferma t-tibdil mill-kunjom Yusuf ghal Pafitis fir-rigward tar-ragel tar-rikorrenti u li tali tibdil huwa wiehed li sehh skont il-ligi. Iddikjara li zewgha kien applika mal-awtoritajiet Cipriotti ghal tali tibdil peress li huwa ta' nazzjonalita' Cipriotta u dan fis-sena 1987. "*It should also be noted that his wife in the year 1987 received the Cypriot citizenship according to article 5(2) of the Law , as wife of a Cypriot citizen, and also received the surname of her husband, with her name being Rita Pafitis (former Yusuf)."* Inoltre esebiet dokument ufficjali mahrug mill-Ambaxxata tar-Repubblika tac-Cipru li tghid li zewgha biddel kunjomu kif hekk imsemmi ghalkemm hawnhekk jinghad li r-riferenza hija ghal kunjom *Paphitis* u mhux *Pafitis.*

Il-Qorti qieset ukoll li l-intimat mhuwiex qed jikkontesta *per se* il-legalita' *o meno* tat-tibdil skont il-ligijiet tac-Cipru imma l-artikolu applikabbli ghar-rikors in ezami, u li ma kienx hemm zball da parti tad-Dipartiment, apparti l-eccezzjoni sollevata fuq il-modalita' tat-tiswija mitluba. Hemm ukoll eccezzjoni rigward id-diskrepanza bejn il-kitba tal-kunjom.

Illi minnufih tfisser li taqbel mad-Direttur intimat li din it-talba ma tregix taht l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 liema subartikolu jitkellem biss dwar 'isem' mhux 'kunjom' fl-att tat-twelid.

Izda taghmel kap ghall-gurisprudenza sucitata li taghraf li tibdiliet li jsiru fil-kunjom skont il-Ligi ta' pajjizi esteri jistghu jinghataw gharfien f'pajjizna fejn tali tibdil jigi ppruvat.

Ikkonsidrat kif gja premess li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda taqbel ukoll mal-intimat, li ma sar l-ebda zball fir-registrazzjoni tal-att taz-zwieg esebit mill-intimat (fol 33) u ffirmat mir-rikorrenti stess. Ghalhekk taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, l-Qorti ghandha, fejn tista', ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Hu evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba tar-rikorrent ghandha tipprocedi biex taghti ordni lill-intimat biex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk, din l-eccezzjoni hija wkoll indirizzata u sorvolata.

Permezz ta' rikors tar-rikorrenti datat 4 ta' April 2016, gie mitlub li t-tieni talba tigi korretta fis-sens li "*t-tibdil ghandu*

*jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti wara l-att taz-zwieg billi l-esponenti tigi maghrufa bhal Rita Paphiti".* Din il-korrezzjoni giet awtorizzata permezz ta' digriet datat 6 ta' Gunju 2016. Izda, f'dan ir-rigward, jigi osservat li talba redatta f'dawn it-termini ma tistax tintlaqa' billi hija wisq vaga. Anke kieku kellha tigi ammessa skont l-**artikolu 253 (3) tal-Kap 16** l-atti jridu jkunu indikati bin-numru u bis-sena relattiva. F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma identifikat l-ebda att tal-hajja civili li seta' gie rregistrat mis-sena 1985 'il hawn. Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni talba. Madanakollu tifhem li gjaladarba l-attrici *nomine* tinghata rikonoxximent ghal kunjom kif mibdul, kwalsiasi att tal-hajja civili sussegwenti ghall-att taz-zwieg tabilfors irid isir fit-termini ta' din is-sentenza billi kunjomha bhala mara mizzewga qed jigi dikjarat ufficjalment bhala *Paphiti*.

## III KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li b'effett ta' tibdil fil-kunjom ta' zewgha, l-kunjom taz-zwieg tar-rikorrenti gie mibdul minn 'Yusuf' ghal 'Paphiti' u dan b'effett mid-data taz-zwieg taghha kif registrat fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv wiehed tas-sena elf, disa' mija u hamsa u tmenin (1/1985).

Tiddisponi mit-tieni talba kif korretta billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess ghar-ragunijiet spjegati.

*31 ta' Jannar 2017.*

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar 2017**